MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 363/2006

Il-Pulizija

Vs

George Spiteri
Salvu Spiteri
Carmelo Spiteri

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' Alexandra Palace ltd (C 8765), b'ufficju registrat Schreiber Street, St. Julian's, u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' sabiex ihallsu l-pagi dovuti, talli naqsu li jhallsu l-pagi kollha fl-ammont ta' elf, disa' mija w tnejn u tmenin lira Maltin, u tnejn u ghoxrin centezmu (LM1,982.22), dovuti lill-ex

impjegat tas-socjeta’ fuq imsemmija Anthony Coleiro fit-tmiem tal-impjieg tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ghaldaqstant ikkundannathom ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ hamsin lira Maltin (LM50) kull wiehed.
Inoltre ordnat lill-istess appellanti ihallsu s-somma ta’ elf, sitt mija w tnejn u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (LM 1682.22), lil Anthony Coleiro, ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fis-17 ta’ Novembru, 2006, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tikkancella, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti mill-akkuza migjuba kontra taghhom u minn kull htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti :
1. illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti qed jecepixxu n-nullita’ tac-citazzjoni li nharget kontra taghhom u dan stante li l-istess citazzjoni m’huwiex konformi mal-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan kif se jippruvaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell;
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gie ampjament ippruvat minn naha tad-difiza illi d-diretturi tal-lukanda in kwistjoni kienu ftehmu fuq il-pakkett finanzjarju li kien se jiehu Anthony Coleiro li kien ukoll inkluz fih il-“leave entitlement” qabel ma dan beda jahdem fil-lukanda Alexandra Palace, u dan kif xehdu konsistentement id-diretturi quddiem l-Ewwel Qorti;
3. illi hareg car mix-xhieda tat-tliet diretturi illi l-istess diretturi ghal bidu kienu lesti li jaghtu lil dan Coleiro tmient elef u hames mitt lira (LM8,500) fis-sena pero’ l-istess Coleiro ma kienx accetta din l-offerta;
4. illi d-diretturi xehdu ukoll li kien Coleiro li mbaghad sussegwentement hareg bil-proposta huwa stess illi jinghata ghaxart elef (LM10,000) li fih kien miftiehem li

kien hemm inkluz il-“vacation leave”, haga li giet nnegata mill-istess Coleiro izda kkonfermata mill-istess tliet diretturi;

5. Illi ghandu jinghad illi hija uzanza fl-industrija tat-turizmu li f’hafna lukandi madwar Malta u Ghawdex il-“managers” u impjegati b’karigi gholja tal-lukandi jinghataw pakketti finanzjarji bhal dak odjern u dan kif se jkollhom ic-cans jippruvaw l-akkuzati waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell;

6. Illi hija ovvja illi Anthony Coleiro qieghed jipprova jiehu vantagg fuq il-fatt li f’dana l-kaz ma kienx hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet u qed jipprova jiehu ammont sostanzjali ta’ flus minghand il-lukanda in kwistjoni u dana nonostante l-fatt li m’ghandu l-ebda jedd fuqhom ghaliex il-ftehim ta’ bejn id-diretturi u l-istess Coleiro kien iehor. Ir-rikorrenti ihossu fil-fatt li dan huwa kaz car ta’ “unjustified enrichment”;

7. Illi fil-fatt meta l-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat is-sentenza taghha favur Coleiro m’ghamlet xejn ghajr li taghti lil Coleiro dak li fil-fatt kien diga’ ha minghand l-akkuzati u b’sentenza bhal din l-akkuzati ha jkunu ihallsu kollox ghat-tieni darba;

8. Illi r-rapprezentant tal-“Labour Office” li xehed f’dina l-kawza ezebixxa kopji ta’ “pay slips” mahruga mill-lukanda stess li fuqhom kien hemm miktub in-numru ta’ sighat li Anthony Coleiro ha bhala “leave”;

9. Illi ta’ min jispjega illi l-persuna li tiehu hsieb l-“accounts” fil-lukanda in kwistjoni hija certa Julianne Muscat li tigi t-tifla tal-akkuzat Carmelo Spiteri li ma xehdietx fil-kawza odjerna u dana avolja kien hemm talba verbali tad-difiza f’dana s-sens li giet respinta mill-Qorti;

10. Illi huwa minnu li dan Anthony Coleiro kien jordna lil din Julianne Muscat sabiex tikteb dawn is-sighat li huwa ha bhala “leave” u fil-fatt dan kien isir nonostante li hi kien hemm il-ftehim ta’ bejn Coleiro u d-diretturi. Fil-fatt dawn is-sighat qatt ma thallsu mill-lukanda in kiwstjoni u dan ghaliex l-istess Muscat kienet taf li kien hemm il-ftehim bejn l-istess Coleiro u d-diretturi;

11. Illi huwa minnu li l-Qorti tal-Magistrati tat hafna piz lil dawna d-dokumenti pero’ din il-Qorti ma semghetx ix-xhieda ta’ dina Muscat u ghalhekk ma setghatx tapprezza r-raguni ghalfejn kienu imnizzlin dawna s-sighat, pero’ kif

l-istess Julianne Muscat ha tixhed f'dan l-umli appell, kien Coleiro li kien jordnalu sabiex il-"leave" jinkiteb u din Julianne Muscat ma kienitx indunat x'kellu f'mohhu dan Coleiro f'dana r-rigward;
12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont li qed jitlob Anthony Coleiro huwa ferm ezorbitanti. Illi l-ammont rapprezentanti "vacation leave" li qed jitlob Coleiro huwa ikkalkulat fuq paga ta' ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) meta dan suppost gie kkalkulat fuq ammont ferm inqas peress kien li Coleiro kien jaqla' cira LM 407.58c "basic pay" imbaghad kien jaqla LM450 bhala "special bonus" kull xahar. Il-"leave" ghandu jigi kkalkolat fuq il- "basic pay" u dana ai termini tal-artikolu 8 tal-Ligi Sussidjarja 452.87 u mhux fuq l-"ispecial bonus" ukoll u ghalhekk Coleiro ghandu jithallas, se mai, ammont ferm inqas minn dika kkalkolata mill-prosekuzzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-lum stess li permezz tieghu l-appell tal-appellant Salvu Spiteri gie dikjarat dezert peress li naqas li jidher bla raguni gusta minkejja li ssejjah diversi drabi.

Rat il-fedina penali tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda ta' Ian Meli u Anthony Coleiro.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat il-verbal li bih in vista tad-deposizzjoni ta' Anthony Coleiro li kien dispost li jaccetta li l-"leave entitlement" jigi kalkolat biss fuq il-"basic pay" tieghu u in vista tal-kalkoli riveduti ta' dak li hu dovut li saru mix-xhud Ian Meli, l-appellanti ddikjaraw li kienu lesti li llum stess, seduta stante, ihallsu l-ammont ta' tmin mitt lira Maltin (LM800) ghas-saldu ta' kull ammont dovut.

Il-prosekuzzjoni rremetiet ruhha dwar il-piena in vista ta' dawn l-arrangamenti.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda tas-Sur Ian Meli, rapprezentant tad-dipartiment, irrizulta illi r-remunerazzjoni li kien jircievi s-Sur Coleiro kienet maqsuma fi tnejn u cioe' parti kienet "basic pay" u parti kienet "special bonus". Pero' meta huwa hadem ir-rata li fuqha bbaza il-"leave entitlement", kien hadimha fuq kollox.

Illi fil-kors tax-xhieda tieghu pero' Anthony Coleiro accetta li hu jkun sodisfatt jekk il-"leave entitlement" tieghu jigi kompensat b'referenza ghal "basic pay" biss.

Illi rrizulta mid-deposizzjoni ta' Ian Meli, riprodott, li f'dak il-kaz l-ammont nett dovut lil Anthony Colerio wara li titnaqqas nofs in-"notice money" dejjem mahdumha fuq il-"basic pay" ikun ta' tmin mitt lira Maltin (LM800) u mhux l-ammont li jidher fic-citazzjoni u dak li jidher fis-sentenza appellata.

Ikkonsidrat

Illi seduta stante, l-appellanti kkoncedew li dan l-ammont huwa dovut u hallsu permezz ta' cheque tal-bank HSBC ghas-saldu u ghas-sodisfazjon tal-ex impjegat taghhom Anthony Coleiro.

Illi in vista ta' dan l-arrangament bonarju, ghalhekk hemm lok li s-sentenza tigi riformata billi jigi milqugh l-ahhar aggravju tal-appellanti u li jkun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi filwaqt kli tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghhom, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellanti George Spiteri u Carmelo Spiteri ghall-multa fl-ammont ta' hamsin lira (LM50) kull wiehed u fejn ordnat lill-istess appellanti ihallsu s-somma ta' elf sitt mija w tnejn u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (LM1682.22c) lil Anthony Coleiro u minflok tikkundanna lil dawn iz-zewg appellanti ghal multa ta' ghaxar liri Maltin (LM10) kull wiehed, b'dana li fil-kaz tal-appell ta' Salvu Spiteri, li l-appell tieghu gie dikjarat dezert, il-multa ta' hamsin lira

(LM50) ghandha tibqa' bla mittiefsa, w tordnalhom ihallsu s-somma li effettivament qed ihallsu prezenzjalment seduta stante ta' tmin mitt lira Maltin (LM800) lill-ex impjegat taghhom Anthony Coleiro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------